**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca]**

**vs**

**Darren Buttigieg**

**Kumpilazzjoni Numru: 278/14**

**Illum, 20 ta' Gunju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Buttigieg detentur tal-karta tal-identita` numru 75393(M).

Akkuzat talli:

> Matul ix- xhur ta Lulju u Awissu 2013 ikkommetta serq ta' vettura Volkswagen bin numru ta' registrazzjoni BAE 603 ghad-dannu ta' Alexander Micallef, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (Euro 2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat, bil-valur, bil-mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa;
>
> U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkustanzi volontarjament kkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` ghamel hsara fuq il-vettura BAE 603 ghad dannu ta Alexander Micallef liema hsara teccedi iżjed minn mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), u
>
> Aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b`kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom **Art 334 kap 9**

Rat l-Artikolu tal-Avukat Generali datati wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2014 fejn ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u jahseb li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli:-

- Fl-artikoli 261 (c), (b), (g), 263 (a), 267, 271 (g), 278, 279 (b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tat-tnejn (2) ta' Mejju 2016 fejn giet ipprezentata wkoll ftehim bejn l-imputat u l-parte civile li bihom solvew il-pendenzi mertu ta' dawn il-proceduri (Dok DB1);

Ikkunsidrat illi gialadarba t-tielet (3) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u stante li l-fedina tal-imputat hija wahda netta il-piena ser tkun wahda moderata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 (c), (b), (g), 263 (a), 267, 271 (g), 278, 279 (b), 280 u 281, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kotntrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat **Darren Buttigieg** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ir-raba (4) akkuza stante li hija alternattiva ghall-

ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**